MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 202/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR CAROL FABRI**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**NEIL CARL FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Neil Carl Farrugia ta’ 29 sena, bin Emanuel u Catherine nee’ Saydon, mwieled Pieta’ fit- 28 ta’ Gunju 1982, residenti 18, St. Mary Street, B’ Kara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 347982M;

Talli;

1) nhar it- 3 ta’ Jannar 2012 ghal habta tal- 10.00am minn gewwa l- hanut Tal- Lira, Triq il- Wied, B’Kara

kkommetta serq ta’ dokumenti u xi oggetti ohra ghad- dannu ta’ Danatielle Grech minn B’ Kara;

2) Talli fit- 3 ta’ Jannar 2012 ghal habta tal- 10.30hrs minn gewwa l- ATM tal- BOV fi Triq Fleur De Lys, B’ Kara bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq aggravat bil- valur u bil- mezz wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu u dan ghad- dannu ta’ Danatielle Grech minn B’ Kara;

3) talli fil- 11 ta’ Jannar ghal habta tas- 6.30pm minn gewwa Triq l- Msida, B’ Kara kkommetta serq ta’ dokumenti u xi oggetti ohra kkwalifikata bix- xorta tal- haga misruqa ghad- dannu ta’ Marco Agius minn B’ Kara;

4) Talli fil- 11 ta’ Jannar 2012 ghal habta tat- 19.43hrs minn gewwa l- ATM tal- BOV fi Triq Tumas Fenech, B’ Kara bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq aggravat bil- valur u bil- mezz wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu u dan ghad- dannu ta’ Marco Agius minn Birkirkara;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati u sejra tghaddi ghas-sentenza. L-imputat seraq “cards” tal-bank ta’ zewg individwi, indikati bhala l-parti leza, u pprova juzahom biex jiehu flus minn ATM tal-bank, izda ma rnexxielux. Hu gie identifikat mil-filmat qed jipprova juza l-“cards” imsemmija, u ghalkemm ma ammettiex meta’ gie interrogat, quddiem din il-Qorti hu ammetta. L-ufficjal Prosekutur esebixxa r-rapporti tal-okkorrenza taz-zewg serqiet, kif ukoll l-istqarrija mehuda lill-imputat, u ritratti mehuda mil-filmati tal-bank li juru lill-imputat juza l-ATM indikati, qed jipprova jiehu flus bil-“cards” li kien seraq aktar kmieni.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti sejra tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija, u fl-istess waqt tirrakkomanda li hu jibda jattendi programm ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Ghalkemm l-imputat ghandu eta’ tenera, il-fedina penali tieghu hi wahda refrettarja. Il-Qorti tittama ferm li l-imputat jitghallem darba ghal dejjem u jaghraf ibiddel id-direzzjoni li ha f’hajtu, u ma jibqax iservi aktar sentenzi ta’ prigunerija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 41, 263, 267, 271, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija. Tirrakkomanda lill- imputat ghal kura ta’ Dr. J. Spiteri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------